# PROPOSTI AMBJENTALI

## DOKUMENT GĦAL KONSULTAZZJONI

INTRODUZZJOJNI

Dawn il-proposti qegħdin jiġu pprezentati bil-għan li jkollna Gudja iktar konxja fuq aspetti ambjentali, kemm bħala lokalità ġeografika u kif ukoll bħala residenti. L-għan ewlieni huwa li r-residenti, sidien jew investituri ta' stabbilimenti, organizzazjonijiet u kif ukoll l-Kunsill Lokali jaħdmu flimkien sabiex iwettqu dawn il-proposti ambjentali.

## L-1 PARTI: SPAZJI PUBBLIĊI

1.1. L-iskart huwa problema. Spazji pubbliċi bħall-Ġnien il-Qari, ġonna oħra madwar il-Gudja jew l-għalqa ta' ħdejn l-ajruport għandhom jiġu pprovduti b'kontenituri għal skart riċiklabbli u għal skart umdu. Dan dejjem b'istruzzjonijiet ċari bil-Malti u kif ukoll bl-Ingliż ta' x'wieħed jista' jarmi fihom u kif. Ma jonqosx li dawn għandhom jitbattlu regolarment.

1.2. Il-bdiewa u r-raħħala jieħdu ħsieb mhux biss l-ikel tagħna imma wkoll l-ispazji ħodor li kulma jmur iktar qiegħed jonqos f'Malta. Sabiex titqajjem kuxjenza fuq il-prodotti agrikoli lokali jistgħu jsiru wirjiet interattivi fl-għelieqi u fl-irziezet b'kollaborazzjoni mal-bdiewa u raħħala fil-Gudja. Dawn il-wirjiet iżidu wkoll iktar spazji ħodor li l-pubbliku jista' jgawdi fil-Gudja, filwaqt li joffru opportunità lill-bdiewa u raħħala biex jispjegaw is-sengħa tagħhom.

1.3. Il-ħela tal-ikel ma tista' qatt tkun aċċettata. Qiegħed jintrema ħafna frott tajjeb tas-siġar li jinsabu fl-ispazji ħodor pubbliċi (bħaż-żebbuġ). Għandu jingħaqad nukleu ta' voluntiera bħal ngħidu aħna minn għaqdiet fil-lokal, li kull sena jiġbor il-frott tas-siġar fi żmienu u jekk hemm bżonn jiġi ppreservat. Din il-ġabra għandha ssir iktar minn darba fis-sena u kif ukoll skont l-istaġun tal-frott. Il-frott miġbur għandu jitqassam lill-familji fil-bżonn jew jintuża f'attivitajiet lokali. Barra minn hekk għandu jiġi identifikat spazju għall-ħażna ta' dan il-frott.

1.4. Huwa sens komun li titkabbar flora lokali u reżisenti għall-klima Maltija. Sabiex ikollna Gudja iktar ħadra, it-tkabbir ta' pjanti u fjuri għandu jiġi mħeġġeġ u ffaċilitat. Siġar lokali, arbuxelli u żerriegħa tal-pjanti għandhom ikunu disponibbli minn postijiet pubbliċi fil-Gudja, bħall-Kunsill Lokali u mil-Librerija, flimkien ma' struzzjonijiet bilingwali dwar kif tieħu ħsiebhom. Din l-informazzjoni għandha tinkiseb minn diversi organizzazzjonijiet mhux governattivi lokali u entitajiet tal-gvern. Wieħed għadu jippromwovi pjanti lokali u endemiċi minflok dawk aljeni. Dan sakemm mhux bi ħsieb li jiġu introdotti speċi iktar reżiljenti ma' flora li hija addattata fid-deżert.

1.5. Iktar pjanti, arbuxelli u siġar iġibu magħhom iktar benefiċċji. Għandhom jingħataw spazji miftuħa għat-tħawwil u għat-tkabbir tas-siġar u tal-pjanti. Dawn għadhom kontinwament jiġu mħarsa b'mod sostenibbli u mhux, ngħidu aħna, jissaqqew fis-sħana ta' nofsinhar, fejn ħafna mill-ilma jinħela. Aktar flora madwar il-Gudja ser tippermeti għal arja iktar nadifa, iktar indukrar (u allura iktar frott) u inqas għarar jew ilmijiet fit-toroq.

1.6. Ġardinaġġ sostenibbli huwa kruċjali biex tkompli toħloq spazji ħodor aħjar. Il-Gudja għandha timxi lejn manteniment sostenibbli tal-ispazji ħodor pubbliċi tagħha. Servizzi ta' ġardinaġġ li jarmu l-pjanti annwali qabel ma dawn itemmu ċ-ċiklu tagħhom u li jaħlu ħafna ilma biex jissaqqu żgur li mhumiex sostenibbli. Għalhekk waqt l-għażla tal-ġardinara (tendering) għandhom jkun hemm studju ta' dan. Jekk ikun ta' benefiċċju għandhom jintgħażlu kumpaniji iżgħar jew ġardinara indipendenti minflok negozji kbar.

1.7. Il-pjanti slavaġ mhumiex ħaxix ħażin. Il-pjanti li jikbru waħedhom fis-salvaġġ jikkontribwixxu għall-bijodiversità sħiħa li kapaċi twassal għal indukrar aħjar. Barra minn hekk kapaċi jkunu ta' kontroll għal insetti u ħlejjaq oħra li mhumiex ta' benefiċċju għall-pjanti. Fuq kollox il-pjanti msejħa hekk slevaġġ huma sors u protezzjoni ta' kwalità tal-ilma aħjar. Il-pjanti slavaġ jattiraw f'żoni urbani iktar insetti li minnhom nistgħu nibbenefikaw. B'hekk dawn m'għandhomx jitneħħew sakemm ma jkunux xi speċi aljena invażiva, ma jkunux qegħdin jostakolaw mogħdijiet u / jew passaġġi u ma jkunux ta' ħsara lill-infrastruttura b'mod partikolari dik agrikola. Minflok għandha tinbena kampanja edukattiva fuq l-benefiċċji tal pjanti slavaġ. Dawn għandhom jitħallew jikbru b'mod liberu. Huma fost l-iktar pjanti reżistenti għall-klima Maltija u ftit li xejn jirrikjedu riżorsi meta kkumparati ma' pjanti domestiċi.

1.8. Il-pjanti slavaġ isebbħu l-ġonna pubbliċi. Il-pjanti slavaġ endemiċi u indiġini għandu jkun hemm ukoll iż-żamma tagħhom milli jaqbdu u jitneħħew

kompletament għalkollox. Dan għaliex dawn il-pjanti slavaġ iservu ta’ abitat u sors ta’ ikel tajjeb għall-insetti. Barra minn hekk jgħattu l-ħamrija u jevitaw l-erużjoni tal-ħamrija u l-għargħar.

1.9. Il-pollinazzjoni hija importanti għall-ikel tagħna. Kif qegħdin jagħmlu għadd ta’ Kunsilli Lokali, tkun verament inizjattiva tajba jekk ikun hemm ġonna apposta għall-pollinazzjoni. Dan ma għandux ikun biss għan-naħal. Barra minn hekk wieħed irid iżomm f’moħħu li l-Gudja hija mdawra bl-għelieqi.[i]

1.10. Il-ġonna jlaqqgħu n-nies flimkien u għalhekk huma mezz b’saħħtu ta’ soċjalizzazzjoni. Barra minn hekk huma sors ta’ ikel essenzjali. Inizjattiva oħra tajba hija ta’ ġnien tal-komunità li joħloq ambjent tajjeb fejn wieħed itejjeb aktar il-ħiliet soċjali tiegħu. Dan jista’ jkun post ġdid fir-raħal jew inkella parti minn ġnien pubbliku li diġà jeżisti. F’dan il-ġnien tal-komunità l-Gudjani jkunu jistgħu jtejbu aktar il-ħila tagħhom agrikola u barra minn hekk jitgħallmu metodi oħra minn ħaddieħor dwar kif għandhom jieħdu ħsieb u jkabbru l-ħxejjex. Dan żgur li ser ikompli jżid is-sigurtà tal-ikel. Barra minn hekk, issa li ħafna nies jinsabu bla ġnien fi djarhom għaliex qegħdin jgħixu f’appartamenti, il-ġnien tal-komunità ser jagħtihom iċ-ċans biex ikabbru xi ħxejjex xorta waħda. Fuq kollox dawn il-ġonna tal-komunità ser ikomplu jsaħħu l-għaqda bejn in-nies tar-raħal

1.11. It-toroq fil-kampanja huma karatteristiċi importanti u meħtieġa tal-wirt rurali. Filwaqt li nirrikonoxxu l-ħtieġa għall-aċċessibbiltà, it-toroq assolutament m’għandhomx ikunu miksija bit-tarmak jew konkos peress li dan mhux biss iħassar b’mod viżibbli l-karattru rurali iżda jżid problemi ambjentali bħal ngħidu aħna t-tnixxija tal- ilma, ikun hemm ftit jew xejn ġbir tal-ilma, riskju ta’ għargħar u siġillar tal-ħamrija b’materjal esterjuri fl-għelieqi tal-madwar. L-aċċessibbiltà għandha tiġi mfittxija b'modi oħra. Ma tkunx verament aċċessibbli jekk ikun hemm l-għargħar. Filwaqt li nirrikonoxxu li l-isforz u l-flus li ntefqu biex jiġu pavimentati toroq fil-kampanja żgur li dawn mhumiex sostenibbli għall-ambjent. Toroq tal-kampanja li diġà huma magħmulin bl-asfalt, għandu jitneħħa t-tarmak u l-konkos biex b’hekk it-triq tista’ jiġi aċċessibli b’modi oħra bħall-illixxar tat-triq.

1.12. Il-ħitan tas-sejjieħ huma karatteristiċi rurali tradizzjonali b'ħafna benefiċċji. Ħitan li jidhru qishom ħitan tas-sejjieħ iżda li mhumiex ħitan tas-sejjieħ propja mhumiex sostitut għall-ħitan tas-sejjieħ tradizzjonali. Il-ħitan tas-sejjieħ mhux biss huma karatteristika tal-wirt rurali Malti iżda jipproteġu wkoll il-flora u l-fawna u l-ħamrija nnifisha milli titnaqqar meta jkun hemm

ir-riħ. Sfortunatament, qegħdin naraw ħafna ħitan li jagħmlu użu mill-ġebel iżda mhumiex ġebel tas-sejjieħ. Il-ħitan tas-sejjieħ eżistenti għandhom jinżammu minn persuni kompetenti kif tiddetta l-liġi (AVVIŻ LEGALI 160 tal-1997, kif emendat bl-Avviżi Legali 169 tal-2004 u 426 tal-2007). Fl-ebda punt m'għandu jitqiegħed konkos fuq jew taħt il-ħitan tas-sejjieħ

1.13. L-ilma huwa ħajja. Kull sena, qegħdin naraw inqas u inqas xita fil-ġżejjer Maltin u meta tagħmel ix-xita, tgħarraq. Mekkaniżmi li jiġbru l-ilma bħal bjar, għandhom jitnaddfu u jinżammu fi spazji pubbliċi. Dan mhux biss jgħin f'każ ta' abbundanza ta' xita iżda jgħin fi żminijiet ta' kriżi tal-ilma. Postijiet pubbliċi bħal-libreriji u l-iskejjel, għandhom jintużaw biex ikun hemm korsijiet b'għarfien dwar l-iffrankar tal-ilma u l-użu tal-ilma b'mod sostenibbli. Mekkaniżmi dwar l-iffrankar tal-ilma fi spazji pubbliċi għandhom jiġu diskussi mal-esperti u jiġu implimentati kemm jista' jkun malajr.

1.14. L-esperti għandhom jiġu kkonsultati b'mod ġenerali. Isimhom għandu jkun pubbliku għat-trasparenza.

1.15. Fil-Gudja għandna wkoll annimali abbandunati fit-toroq. Postijiet fejn issir l-għalf madwar il-Gudja għandhom jinżammu sewwa. Il-Kunsill Lokali għandu jfaħħar ukoll lir-residenti li jaqbdu lill-annimali u jinnewtralizzawhom peress li dan jirriżulta fi tnaqqis fil-popolazzjoni fil-futur li huwa ta' benefiċċju għall-bijodiversità filwaqt li qed ikunu wkoll umani fejn jidħlu dawn l-annimali.

SKALI GUDJA

---

[i] https://timesofmalta.com/articles/view/bee-pollination-garden-to-be-set-up-in-san-gwann.872851 https://www.maltatoday.com.mt/news/national/109717/san_wann_to_get_pollinator_garden_in_300000_investment#.Y o_LnlRBzcc https://www.independent.com.mt/articles/2021-05-18/local-news/San-Gwann-to-get-a-pollinator-garden-in-honeybee protection-initiative-6736233591